



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Novembru 2023
(OR. fr)

12247/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0222 (NLE)

AGRI 437
RELEX 964
FORETS 96
DEVGEN 156
ENV 904
PROBA 33

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ tal-injam u ta' prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju
dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali
u l-kummerċ tal-injam u ta' prodotti derivati
lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6), il-punt (a)(v) u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata "Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerç fis-Settur Forestali (FLEGT): proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni stabbilit f'dik il-komunikazzjoni (il-"Pjan ta' Azzjoni FLEGT") għamel appell biex jittieħdu miżuri sabiex jiġi indirizzat il-qtuqħ illegali tas-siġar għall-injam billi jiġu żviluppati ftehimiet ta' sħubija volontarji ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni kienu adottati f'Ottubru tal-2003¹, u l-Parlament Ewropew adotta reżoluzzjoni dwar is-suġġett fil-11 ta' Lulju 2005².
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/...³⁺, il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerç tal-injam u ta' prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim") ġie ffirmat fi⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU C 268, 7.11.2003, p. 1.

² ĠU C 157E, 6.7.2006, p. 482.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ... (UE) 2023/... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerç tal-injam u ta' prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument st12245/23 u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 12902/23.

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerç tal-injam u ta' prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea huwa approvat f'isem l-Unjoni¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, f'isem l-Unjoni, in-notifika prevista fl-Artikolu 31 tal-Ftehim².

Artikolu 3

Il-Kummissjoni Ewropea tirrappreżenta lill-Unjoni fil-komitat konġunt ta' implimentazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 19 tal-Ftehim.

L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-komitat konġunt ta' implimentazzjoni bħala membri tad-delegazzjoni tal-Unjoni.

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ...[daħħal ir-referenza tal-ĠU st 12902/23].

⁺ Delegazzjonijiet/ĠU: ara d-dokument st 12902/23.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 4

Għall-fini li jiġu emendati l-Annessi tal-Ftehim skont l-Artikolu 26 tiegħu, il-Kummissjoni hija awtorizzata, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005¹, li tapprova kwalunkwe tali emenda f'isem l-Unjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1).